

Brussell, 14 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11938/26

DUAL USE 52

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 4374 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'26.6.2026 li jirrettifika ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-sensurija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju.

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 4374 final.

Mehmuż: C(2026) 4374 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2026
C(2026) 4374 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 26.6.2026

li jirrettifika ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-sensurija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-verżjonijiet lingwistiċi bil-Grieg, l-Irlandiż, il-Litwan, l-Olandiż, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ungeriż u l-Iżvediż tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fihom żbalji introdotti bir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2022/1 u (UE) 2025/2003. Sabiex dawn il-verżjonijiet lingwistiċi jiġu allinjati mal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra, jeħtieġ li jiġi adottat Regolament Delegat li jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2021/821.

2. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat jikkoreġi l-iżbalji tat-traduzzjoni fil-verżjonijiet lingwistiċi tat-test bil-Grieg, l-Irlandiż, il-Litwan, l-Olandiż, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ungeriż u l-Iżvediż.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'26.6.2026

li jirrettifika ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1), il-punt (a) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-verżjonijiet lingwistiċi bil-Litwan, is-Slovakk, l-Ungeriż, u l-Iżvediż tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 fihom żbalji fil-Parti I, fid-definizzjoni ta' reattur nukleari. L-iżbalji ddaħħlu bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1², u jaffettwa s-sustanza ta' dik id-dispożizzjoni.
- (2) Il-verżjonijiet lingwistiċi bil-Grieg, l-Olandiż, is-Sloven u s-Slovakk tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 fihom żball fil-Parti IV, il-punt 2B510.b.2 għar-rigward tal-karatteristiċi tal-vakwu. L-iżball iddaħħal bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2003³ u jaffettwa s-sustanza ta' dik id-dispożizzjoni.
- (3) Il-verżjonijiet lingwistiċi bl-Irlandiż u bl-Iżvediż tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 ukoll fihom żball fil-Parti V, il-punt 3B501.n.4 għar-rigward tat-tip ta' metall. L-iżball iddaħħal bir-Regolament Delegat (UE) 2025/2003, u jaffettwa s-sustanza ta' dik id-dispożizzjoni.
- (4) Barra minn dan, il-verżjoni lingwistika bl-Iżvediż tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 fiha żball fil-Parti V, il-punt 3B501.n.7.b.1 għar-rigward tat-tip ta' filtru. L-iżball iddaħħal bir-Regolament Delegat (UE) 2025/2003, u jaffettwa s-sustanza ta' dik id-dispożizzjoni.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjonijiet lingwistiċi bil-Grieg, l-Irlandiż, il-Litwan, l-Olandiż, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ungeriż u l-Iżvediż tar-Regolament (UE) 2021/821 jiġu kkoreġuti skont dan. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati,

¹ ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/821/oj>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1 tal-20 ta' Ottubru 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 3, 6.1.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/1/oj).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2003 tat-8 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L, 2025/2003, 14.11.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/2003/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26.6.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN